# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Numru : 310/2007/JPG**

**Kevin Vella (I.D 127178M)**

**VS**

**David Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-16 ta' Marzu 2007, li jaqra hekk:

1. *Illi fis-7 ta' Mejju 2006 waqt li l-esponenti kien qieghed isuq il-mutur targat HYA-013 minn Triq Dun Karm Sant, Hal Tarxien, l-intimat David Briffa bil-vettura targata DAL-548, baqa' hiereg minghajr ma osserva s-sinjal sabiex jieqaf minn Triq l-Imqades tal-Qedem, Hal Tarxien b'konsegwenza li l-intimat tajjar lill-esponenti;*

2. *Illi ghal dan l-incident jahti biss l-intimat David Briffa, li kien qieghed isuq b'mod traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif ser jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi b'rizultat ta' dan l-istess incident, l-esponenti sofra danni konsiderevoli, u huwa wkoll korra serjament, b'dan illi huwa qieghed isofri minn debilita' ta'*

*natura permanenti, u dan kollu kif ser jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

4. *Illi l-intimat ghalkemm interpellat, anki tramite l-assigurazzjoni tieghu, sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu subiti huwa baqa' inadempjenti;*

5. *Illi l-esponenti Kevin Vella jaf personalment bil-fatti hekk dikjarati u debitament enumerati;*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

a. *Tiddikjara lil intimat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;*

b. *Tilliwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti anke permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop;*

c. *Prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u neccessarja tordna lill-intimat sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, lill-esponenti;*

d. *Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, flimkien ma' l-imghaxijiet legali lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' din l-istanza kontra l-assigurazzjoni ta' l-intimat kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat illi r-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' David Briffa tat-3 t'April 2007 (a fol. 14) li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnhu illi fis 7 ta' Mejju 2005 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura numru DAL 548 gewwa Triq Dun Carm. Sant Tarxien huwa kien*

*involut f'incident tat-traffiku mall-mutur (minghajr numru u Insurance) misjuq mir-Rikorenti Kevin Vella .*

2. *Illi m'huwiex minnhu li dan l-incident gara tort u htija tal-esponenti, David Briffa, kif qed jsostni r-Rikorrenti Kevin Vella u dana billi l-istess Kevin Vella kien qed isuq b'speed eccessiv bir-rizultat illi huwa tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u b' hekk habat mall-vettura misjuqa mill-esponenti.*

3. *Illi wkoll ta' min jinnota illi l-istess Kevin Vella kien qed isuq il-mutur minnghajr ma kellu licenzja tas-sewqan ta' mutur u kwindi ma kienx kwalifikat li isuq mutur.*

4. *Illi huwa minnhu li Kevin Vella korra f'dan l-incident, izda l-esponenti m'huwiex responsabbli ghad-danni li Kevin Vella seta' sofra konsegwenza ta' dan l-incident, billi fl-ewwel lok u kif intqal, l-incident gara imhabba negligenza u speed eccessiv da parti ta' Kevin Vella, u wkoll u fit-tieni lok imhabba l-fatt illi huwa ma' kellux crash helmet kif tirrikejdi il-ligi. Kien propju ghax ma' kellux crash helmet li sofra cikkatrici zghira f'wiccu.*

5. *Illi invista tas-suespost it-talbiet ta' Kevin Vella fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjes."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-20 ta' Gunju 2007 fejn innominat lil l-Assitent Gudizzjarju Dr. Yvette Cassar (a fol. 19);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut David Briffa tat-30 ta' Dicembru 2014 (a fol. 169 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tal-attur Kevin Vella vide fol. 22 et seq jirrizulta illi fis-7 ta' Mejju 2006 ghall-habta ta' 5:45 pm, waqt illi huwa kien ghaddej minn Triq Dun Karm Sant Hal Tarxien bil-mutur HAI 013, karozza Peugoet DAL 548 baqghet hierga minn *side street* minkejja *stop sign* u baqghat diehla fih b'konsegwenza illi huwa intefa man-naha l-ohra tat-triq. L-attur ezebixxa ritratti Dok. KV1A sa I minn fol. 27 sa 34 li jindikaw it-triq principali cioe' Imqaddsa tal-Qedem, kif ukoll is-*side street* indikata. L-attur ezebixxa ukoll l-iskizz li jinsab a fol. 8 tal-process.

L-attur Vella xhed illi huwa kien ghaddej minn Triq Dun Karm Sant ***"mhux b'velocita' kbira"*- Vide fol. 23**. L-attur ezebixxa Dok. KV2A sa L, ritratti illi juru l-hsarat illi garrab il-mutur tieghu. Dawn il-hsarat kienu kif jidhru fir-ritratti KV2 A sa L fuq in-naha tax-xellug minn wara r-rota ta' quddiem lura. L-attur ezebixxa ukoll ritratti li jidhru mmarkati bhala KV3 a fol. 35, li juri l-griehi li huwa garrab f'wiccu, f'dahru, f'idejh u fi spalltu. Huwa stqarr li kien ghamel jumejn l-isptar u gie ccertifikat li kellu griehi gravi tant illi ghamel mis-7 ta' Mejju 2006 sas-7 t'Awwissu 2006 ma jattendiex ghax-xoghol. L-attur xhed illi huwa ghadu jbghati minn ugiegh f'dahru u ghadu qieghed jigi kkurat mit-tobba. L-attur xhed illi huwa kien jahdem ma Toly Products fi grad *ta'Technical Supervisor*.

A fol. 24 jghid is-segwenti :

> ***"Nghid illi meta hareg il-konvenut mill-karozza, minn side road jiena ma rajtux, ma l-impatt jiena tirt minn fuq il-mutur. Nghid li l-mutur kien naha tat-triq u bid-daqqa jien mort in-naha l-ohra tat-triq u dan kif juri l-iskizz a fol. 8 tal-process. Bid-daqqa ma l-impatt ta' l-incident, jiena l-helmet tar minn go rasi. Ezatt wara l-incident jiena ttehidt l-isptar."***

Spiridione Vella a fol. 42 et seq. xhed illi huwa kien missier l-attur u li kien rcieva telefonata fejn gie nfurmat bl-incident illi kien garrab ibnu, mar fuq il-post tal-incident. Huwa xhed illi ibnu gie mdewwi l-*polyclinic* imbaghad ukoll l-isptar. Ikkonferma illi ibnu kien waqaf mix-xoghol ghal madwar tlett xhur, u li kien ghenu finanzjarjament. Spiridione Vella ikkonferma li ibnu jahdem it-Toly Products sal-gurnata tal-llum. Spiridione Vella ma setghax jikkwantifika l-ammont ta' flus illi huwa kien ta lill-ibnu biex jghinu finanzjarjament meta ma kienx jahdem, u ikkonferma li ibnu kien mar lura ghax-xoghol f'Settembru.

Therese Fabri a fol. 64 et seq. *Human Resources Manager* ma Toly Products Limited, ezebiet Dok. TF1 illi juri z-zmien illi fih Kevin Vella kien nieqes mix-xoghol. Hija kkonfermat illi huwa kien intitolat ghall-ghoxrin gurnata *full pay* u ghoxrin gurnata *half pay* u thallas erbghin siegha *full pay*, u cioe' l-ammont shieh illi Toly Products halsietu fil-perjodu relattiv Vide Dok. TF1 li jinstab a fol. 64 A. Hija ezebiet ukoll Dok. TF2 illi huma l-*pay slips* tal-istess attur minn fol. 65 sa 74. Ezebiet ukoll sett ta' certifikati medici illi gew mmarkati bhala Dok. TF4 sa TF8 minn fol. 87 sa 103. Hija kkonfermat illi t-tabib tas-socjeta' Toly Products kien imur izuru perjodikament. Therese Fabri kkonfermat illi l-ammont illi l-attur kien tilef bhala paga kien jammonta ghall-elf, erbgha mija hamsa u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmi (€1,475.43).

PS 1067 Mario Spiteri a fol. 108 tal-process ezebixxa Dok. MS1 rapport tal-incident u Dok. MS2 skizz tal-istess incident. Ikkonferma **illi l-*helmet* tas-sewwieq tal-mutur instabet fuq il-post *"Izda jirrizulta li ma kinitx marbuta peress li taret ma' l-impatt."* Ikkonferma illi Kevin Vella kellu licenzja biex isuq mutur.**

Mir-*Road Accident Report* Dok. MS1 a fol. 110 sa 113, jirrizulta **illi l-mutur misjuq mill-attur ma kellux pjanci ta' numru ta' registrazzjoni.** Fl-10 ta' Mejju 2006 gew prezentati lill-Pulizija n-numri ta' registrazzjoni tal-mutur in kwistjoni HYA 013, u giet prezentata l-polza t'assigurazzjoni tal-istess mutur li kienet tiskadi fil-21 t'Awwissu 2007 ma Allcare Insurance Agency Limited.

Minn indagni ulterjuri tal-Pulizija jirrizulta **illi l-polza t'assigurazzjoni kienet giet imgedda fl-10 ta' Mejju 2006 cioe' wara l-incident.**

Illi permezz tad-digriet tas-19 ta' Gunju 2012 il-Qorti kif diversament preseduta kienet iddikjarat maghluqa il-provi tal-attur – vide fol. 145.

David Briffa ezebixxa kopja tas-*survey* Dok. DB1 li jinstab a fol. 143 tal-process.

Fl-affidavit tieghu David Briffa a fol. 147, xhed illi huwa kien qieghed isuq il-vettura DAL 548 u kien wahdu, fi Triq l-Imqaddes tal-Qedem. Meta wasal fil-kantuniera ta' Triq Dun Karm Sant, minhabba li kien hemm *stop sign* huwa *"naqqast lis-speed tieghi."* Huwa hares fuq iz-zewg nahat tat-triq, ra li ma kien gej ebda traffiku u hareg il-quddiem ghal fuq il-lemin tieghu. Hekk kif kien hiereg, gie mutur minn fuq il-lemin tieghu bi *speed* qawwi u habat mal-*bumber* u l-fanal tax-xellug tieghu u mal-impatt sewwieq tal-mutur baqa' sejjer u habat ma vettura li kienet ipparkjata. Briffa xhed li huwa qatt ma ra lis-sewwieq tal-mutur liebes il-*crash helmet* u dan ivverfikah anka wara l-istess impatt. Huwa sostna ukoll illi l-mutur ma kellu ebda *number plates*.

**Ikkonsidrat:**

Il-provi prodotti mill-kontendenti fil-kaz odjern, huma fjakki ghall-ahhar u hemm diversi mankanzi serji, inkluz li certifikati medici ezebiti, ma gewx ikkonfermati mit-tobba li rrilaxxawhom, u dan jinkludi ukoll ic-certifikat tal-Konsulent Massimo Abela li jidher a fol. 4 tal-process li fih gie stabbilit, apparentament, tnejn fil-mija dizabilita' permanenti.

Illi piu' il-mechanic illi sewwa il-mutur tal-attur, certu Tony Borg, baqa' ma ddeponiex f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant din il-Qorti hija prekluza milli tillikwida l-quantum attwali tad-danni tal-mutur tal-attur. Di piu' ebda *survey report* ma gie prezentat mill-attur. Apparti minn dan, minkejja illi s-Surgent 1067 Mario Spiteri ezebixxa r-*Road Accident Report* flimkien mal-iskizz, ebda domanda ulterjuri ma giet maghmula lilu mill-Avukati difensuri tal-kontendenti. Lanqas ma sar jew twettaq il-kontro-ezami ta' Kevin Vella.

Eppure mill-provi li fil-fatt gew prodotti, jirrizulta illi l-attur kien qieghed isuq **minghajr pjanci ta' registrazzjoni tal-mutur u minghajr polza tal-assigurazzjoni** (din fil-fatt giet maghmula biss fl-10 ta' Mejju 2006, cioe' tlett ijiem wara l-incident).

Ma ngabu ebda provi konklussivi pero, dwar il-licenzja tas-sewqan ta' mutur tal-attur, u dana stante illi ma giex prodott ix-xhud tal-Awtorita' kompetenti sabiex jikkonferma dan. PS 1067 pero' kkonferma li l-attur kellu licenzja biex isuq mutur.

Gie sodisfacentement stabbilit illi l-konvenut kien f'salib it-toroq, hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali. Fl-i*stop sign*, huwa jafferma illi naqqas l-ispeed, u waqaf biss meta ra l-mutur tal-attur gej ghal fuqu.

L-impatt fuq il-mutur tal-attur jidher illi jibda minn wara r-rota ta' quddiem u jigbed ghal-kumplament tal-mutur, kif jidher mir-ritratti RV2A sa L li jinstabu a fol. 25. Ebda *break marks* ma jirrizulta li gew innutati fuq l-iskizz. Di piu' l-attur jidher li kien liebes *crash helmet* li pero jidher li ma kienitx maqfula.

Mal-impatt jidher illi l-attur tkaxkar ghal fuq lat oppost tat-triq u l-mutur habat ma vetturi ipparkajati fosthom DBL 284.

L-attur garrab diversi griehi, cioe' cikatrici fuq ghajnejn ix-xellugija, lacerazzjonijiet fuq il-qurriegha rasu, brix estensiv fuq dahru, f'sidru, dirajgh u saqajh kif jidher mir-ritratti Dok. KV3A sa F a fol. 35.

**Ikkonsidrat:**

Huwa risaput li kull utilista tat-triq huwa tenut illi jzomm *a proper look-out* ghall-utilisti ohra tat-triq.

Infatti l-awtur Ingliz **Gibb Collisions on the Highway**:

> ***"It is the duty of every motorist to look where he is going and to keep a reasonably careful look-out for other road users so that a collision may be avoided. He must not look only***

> ***straight ahead but also towards the side, especially at street junctions."***

Dan il-kuncett ta' *proper look-out* gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited** , fejn il-Qrati Inglizi rritenew:

> ***"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."***

L-istess kuncett gie mhaddan mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** deciza fil-**5 t'Ottubru 2001**, fl-ismijiet **George Scicluna et vs Victor Cini** fejn gie ritenut:

> ***"bi vjolazzjoni cara tar-Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita'."***

Vide ukoll **Zahra vs Vassallo** deciza fil-**15 t'Ottubru 2003**.

Ir-Reg.76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat) ighid li:

> ***"triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa` lil dak tat-triq principali."***

> ***"... izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f`wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera."***

Madanakollu pero`, huwa fatt inkontestat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent tat-triq principali ghaliex il-manuvra li jkun ser jaghmel, fiha nnfisha, tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali (**Stagno Navarra vs Saliba** – Kollez. Vol. XLV.I.389)

Ghar-rigward ta' regoli li jirrigwardaw stop signs, l-Artikolu 75 tal-**Highway Code**, jghid li ***Stop means Stop***. Fil-manwal **Driving – The Department of the Environment Manual** wiehed isib:

> ***"On a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter on the major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction."***

L-awturi **Macintosh and Scobie** fil-ktieb ta' **Negligence in Delict** a fol. 389, jghidu;

> ***".. the driver upon reaching a stop sign must bring his vehicle to a complete halt and must both look and listen in both directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away and what speed they appear to be progressing and then only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection may proceed further.."***

L-awtur **Gibb** f`pagna 62 tal-ktieb **The Trial of Motor Car Accident Cases** jsostni:

> ***" … The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult***

> ***than continuing straight along the same road, and for that reason the side road user must use more care."***

Fl-**Appell Civili Camilleri vs Demicoli** deciza fis-**27 ta' Lulju 1981**, dik l-Qorti ziedet tirritieni illi;

> "***Il-grad ta' diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta' triq sekondarja obligat li jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali li jesplora tajjeb it-triq u sahansita jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.***"

Huwa car allura li r-regoli tat-traffiku ixaqilbu nettament lejn it-tezi tar-rikorrenti l-oneru li kellu l-intimat kien bil-wisq akbar minn dak tar-rikorrent fis-sens li kellu jkun l-istess intimat li jcedi ghat-traffiku gej mit-triq principali u allura minn fejn kien gej r-rikorrent.

Tenut kont ta' dan kollu, huwa evidenti li t-*tort principali* ghal kif gara l-incident meritu tar-rikors huwa tal-konvenut. Ladarba sehhet il-habta, huwa evidenti li l-intimat jew ma rax lir-rikorrenti gej u allura ma zammx dik li tissejjah '*a proper look out'* - jew inkella ma ikkalkolax tajjeb id-distanzi relattivi u allura ikkawza l-incident. L-ebda wahda minn dawn l-ipotesijiet pero` ma tezentah mir-responsabbilita` principali ghall-akkadut. Infatti l-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin** deciza fit-**13 ta' Lulju 2010**, gie ritenut:

> "***Huwa ghall kollox irrilevanti ghall-accertament tal-htija tal-konvenut, il-post fejn sfat milquta l-vettura tal-konvenut u cioe` jekk kienx fil-pont ta' wara tax-xellug inkella fil-genb.. .. il-fatt centrali huwa li l-konvenut bhala utent tat-triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs tat-triq principali meta din it-triq ma kinietx libera mit-traffiku. Issa fejn inlaqat la jzid u lanqas inaqqas il-htija tieghu.***"

Ghandu jizdied li meta l-konvenut iddecieda li johrog fit-triq principali huwa beda hiereg bil-mod. Evidentement dan kien zball. Meta l-konvenut iddecieda li johrog fit-triq principali kellu jkun deciz u determinat, jqis li ma kienx hemm xkiel u jesegwixxi din il-manouvra mill-bidu sal-ahhar minghajr perikolu ghalih u ghall-utilisti l-ohra tat-triq.

Tibqa' allura l-kwistjoni jekk l-attur, bis-sewqan tieghu ikkontribwixxiex ghall-incident.

Skond l-**Art.1051** tal-Kap.16, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni ghall-hsara, jehtieg:

> (a) li jkun hemm *att ta` negligenza* da parti tal-persuna li tkun batiet il-hsara. Kif inghad fil-kawza **Sacco et noe vs Bonnici** (Appell Civili – 19 ta' Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10) irid ikun hemm konkors ta' htijiet : dik tal-konvenut u dik tal-attur.
>
> (b) li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-hsara tkun *ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara* (ara – **Bugeja noe vs Borg** – Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/HH) – 11 ta' Mejju 1983).

L-attur iddikjara illi fil-mumenti qabel l-incident, huwa kien ghaddej ***"mhux b'velocita' kbira"*** – vide fol. 23. Din il-Qorti tqis illi dan mhux verosimili u dan in vista tal-lokalita' li fih gara' l-incident u tenut kont tal-hsarat konsiderevoli fuq il-mutur tal-attur u l-griehi li sofra. Di piu' jidher li mal-impatt l-attur tkaxkar u spicca fuq l-latt oppost tat-triq.

Skond ir-Reg.127(1) tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 kif emendat), ghal *motorcycle*, l-i*speed* massimu f'belt jew rahal huwa ta' 50 kmfs waqt li l-i*speed* massimu barra minn belt jew rahal huwa ta' 80 kmfs.

Dak li din il-Qorti trid tiddetermina huwa, jekk kemm-il darba l-fatt li l-attur kien ghaddej bi *speed* in eccess tal-limitu regolamentari kienx fattur kontributorju fir-responsabilita` ta` dan l-incident.

Fil-gurisprudenza Maltija, gie mqanqal ripetutament l-punt jekk *speed* eccessiv huwiex fattur ta` kontributorjeta` ghal responsabilita` f`incident. Hemm sentenzi fejn gie ritenut li *speed* in eccess ta` dak regolamentari wahdu ma wassalx ghal responsabilita` - anqas fi grad parzjali jew kontributorju (Vide **Barna vs Hudes Merchandising Corporation** – 1962 S.J. 194, C.A. ; **Bartolo vs Micallef – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 16 ta' Frar 1973** ; **Grech vs Mizzi – Prim' Awla tal-Qorti Civili – 23 ta' Marzu 1973** u **Agius vs Cachia – Appell Civili – 24 ta' Novembru 1982**). Hemm sentenzi ohra li jsostnu li *speed* eccessiv huwa fattur li ghandu jigi kunsidrat biex tigi stabbilita r-responsabilita`, partikolarment meta b'rizultat ta' dan l-i*speed* eccessiv il-hsarat ikunu kbar (**Mamo vs Muscat Doublesin– Prim'Awla tal-Qorti Civili – 9 ta' April 1963**).

Din il-Qorti hi tal-fehma li huwa biss meta l-i*speed* ikun fattur determinanti u konkomitanti fid-dinamika ta' incident li jwassal biex isir fattur kontributorju. Vide **Bonello vs Baldacchino** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fil-15 ta' Jannar 1997 u **Stanley vs Zahra** (PA/JSP) deciza fit-23 ta' Marzu 1993.

Fil-kaz in ezami din il-Qorti hi tal-fehma illi l-i*speed* tal-attur ma kienx fattur determinant ta' dan l-incident u lanqas ma huwa prova ta nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-attur. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex il-manovrabilita' tal-mutur hija differenti, u ferm aktar problematika minn dik ta' vettura.

Sewwieq ta` mutur certament ma jistax jahsad il-*brake* ghax ir-riskju ta` korriment huwa akbar stante li xufier ta' mutur huwa totalment espost u m'ghandux il-qafas ta' vettura sabiex tipprotegieh. Illi di piu' u b'mod generali, il-Qorti tqis li sewwieq tat-triq principali ghandu kull ragun jistenna li sewwieq gej minn minn triq sekondarja markata bi *stop sign* fil-fatt se jieqaf verament, u jekk jieqaf, jesporgi biss fit-triq principali meta din tkun libera.

Il-Qorti pero ma tista' b'ebda modd tinjora l-fatt illi l-attur, minkejja li kien liebes il-*crash helmet,* ghazel li ma jaqfilx l-istess *helmet,* b'rizultat illi l-*helmet* taret mal-impatt. Din il-Qorti tqis , hija *"a self inflicted incapacity*" li kellha l-konsegwenza illi l-attur ma kienx protett kif mistenni minn griehi f'rasu.

Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora il-fatt illi l-attur gedded il-licenzja tieghu fl-10 ta'Mejju 2006 cioe' tlett ijiem wara l-incident de quo.

Ghalhekk fil-fehma din il-Qorti, il-kawza principali tal-incident awtomobilistiku kien b'tort tal-konvenut kwantu ghal $^{4}/_{5}$ , b' htija kontributorja ta' $^{1}/_{5}$ da parti tal-attur.

Ghar-rigward il-kwistjoni ta' danni, jirrizulta illi l-attur renexxielu jipprova illi huwa tilef elf, erbgha mija hamsa u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmi (€1,475.43) f'paga, kaguni tal-incident meritu tar-rikors promotorju – Vide xhieda ta' Therese Fabri, Toly Products – a fol. 64 et seq.

Ghar-rigward tat-2% dizabilita' permanenti kostatata mill-konsulent Massimo Abela, din il-Qorti, ma tistax, in koxienza, tilqa' il-kwantum ta' dizabilita' bhala fatt pprovat, fin-nuqqas ta' konferma bil-gurament da parti tal-Konsulent Abela tar-rapport mediku minnu relaxxat u ezebit in atti.

Fl-istess maniera, l-Qorti ma tistax tasal ghal kwantum tal-hsarat kagunati fuq il-mutur tal-attur in vista tan-nuqqas ta' xhieda tas-*surveyor* u fin-nuqqas ta' provi dokumentari li juru elenku tal-partijiet danneggiati, kwantum ta' *spare parts* u ammont ta' *mano d'opera*.

Ma jistax ma jinghadtx illi l-Qorti kif diversament preseduta, kienet ddikjarat maghluqa l-istadju tal-provi tal-attur – Vide fol. 145 digriet tas-19 ta' Gunju 2012.

Din il-Qorti pero' ma hiex prekluza milli takkorda, danni *arbitrio boni viri* f'certi cirkostanzi.

Huwa pienament stabbilit illi l-prova tad-danni taspetta lill min jallega li soffriha.

Huwa daqshekk iehor stabbilit illi likwidazzjoni ta' danni, *arbitrio boni viri* hija mistennija u f'waqqitha meta jkun difficli ghall-attur li jipprova, b'mezzi ordinarji, d-danni effettivament sofferti – Vide **Joseph Attard vs Direttur Generali tas-Sahha**, **Qorti tal-Appell** deciza fit-**30 ta'Mejju 2014**.

Madanakollu, l-Qorti taghraf illi ghandha poteri diskrezzjonali li tillikwida telf billi tadopera il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva – Vide sentenza VolXXXV part III pagna 615 fejn il-Qrati Maltin ggwidaw ruhom fuq l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni:

> ***"vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato";***

F'kaz ta' likwidazzjoni *arbitrio boni viri*, l-Qorti hija tenuta taghti motivazzjoni tal-kriterji tal-apprezzament prudenti li juri il-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur* – Vide sentenza Vol XXIX Part I pagna 1285; **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited** deciza fit-**13 t'Ottubru 2004** per **Onor Imhallef Dr. Philip Sciberras**.

Applikati dawn il-linji gwida, din il-Qorti taghraf illi r-ritratti tal-hsarat tal-mutur tal-attur in segwitu tal-kollizzjoni, juru hsarat konsidervoli – Vide Dok. KV2(a) sa KV2(l).

Di piu' mir-ritratti tal-griehi li sofra l-attur kawza ta' dan l-incident – Vide Dok. KV3 a fol. 35 johrog car illi l-griehi tal-attur ma kienux lieti u dan jinghad b'referenza partikolari ghac-cikatrici f'wicc l-attur.

Maghdud ma dana kollu, hemm sodisfacentement pprovat d-danni konsistenti f'telf tal-paga tal-attur fis-somma ta' elf, erbgha mija hamsa u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmi (€1,475.43)- Vide Xhieda Therese Fabri a fol. 64 u Dok. TF1 a fol. 64A.

Minn din il-likwidazzjoni jrid jitnaqqas $^1/_5$ li gie kostatat bhala negligenza kontributorja da parti tal-attur.

Il-Qorti ghalhekk taghraf illi ghandha tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* sofferti mill-attur fil-kollizzjoni meritu tar-rikors promotorju fis-somma ta' erbghat elef Ewro (€4,000) li huwa meqjus bhala $^{4}/_{5}$ tad-danni sofferti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qoti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tichad it-tieni, tielet u l-hames eccezzjoni tal-intimat, tilqa' r-raba eccezzjoni limitatament, tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament billi tiddikjara l-intimat responsabbli ghall-incident kwantu ghal $^{4}/_{5}$, tilqa' t-tieni talba limitatament u tillikwida d-danni sofferti *arbitrio boni viri* ta' erbghat elef Ewro (€4,000), tilqa' it-tielet u r-raba; talba limitatament kif fuq intqal billi tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur s-somma ta' erbghat elef Ewro (€4,000) bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**